**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 4 ta' Marzu, 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Anthony Scerri)**
**Vs**
**Francois Zammit**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Francois Zammit,** detentur tal-karta tal-identita bin-numru **330378(M);**

U nakkuzah talli f'dawn il-gzejjer nhar is-26 ta' Ottubru 2019 u/jew kif ukoll fix-xhur ta' qabel;

1. **Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina**, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi

awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta’ l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. **Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga herojina**, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta’ l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. **Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina** specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-

President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;**

4. **Kellu fil-pussess tieghu id-droga herojina** specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta**, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;**

5. Zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-nar minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-**Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. V. Axiak LL.D**. fid-digriet tieghu ta' nhar it-**12 ta' Lulju 2019** u digriet/i sussegwenti, li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija, u dan bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-**Qorti Kriminali mil-Imhallef G. Grixti LL.D** fid-digriet tieghu ta' nhar is-**5 ta' Awissu 2019** u digriet/i sussegwenti, li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija, u dan bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mil-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mill-Ligi, tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lil **Francois Zammit** u tordna l-arrest mill-gdid tal-istess **Francois Zammit**, u dan ***ai termini*** ta' l-artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex is-sommom ta' **elfejn ewro (€2,000)** bhala depozitu u sommom ta' **ghaxar t'elef ewro (€10,000)** bhala garanzija personali tghaddi favur il Gvern ta' Malta.

Rat l-Ordni ta` l-Avukat Generali bis-sahha ta` l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 sabiex din il-kawza tinstema minn din il-Qorti bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali;

Rat l-atti u d-dokumenti u semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta' 28 t'Ottubru 2019 ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien nghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-istess udjenza fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet

migjuba kontra tieghu u li fehem ukoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena u/jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi biex tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena l-Qorti kkunsidrat is-segwenti temi, fost ohrajn:

1. L-ammissjoni ta` l-imputat, li hi wahda bikrija. Sahansitra huwa ammetta fl-istqarrija li huwa irrilaxxa lill-pulizija waqt l-investigazzjoni;
2. Il-fedina penali ta' l-imputat;
3. In-natura serja ta' l-imputazzjonijiet;

Illi certament, dawn il-fatturi kollha qed jittiehdu in konsiderazzjoni u certament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena jew sanzjoni li l-Qorti tinfliggi.

Ghall dak li jirrigwarda il-ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-Qorti temmen li, f'kaz li l-Qorti tmur oltre mill-piena determinata ghar-reat *de quo* u tordna li s-sommom indikati ghandhom jghaddu favur il-Gvern ta' Malta (bil-potenzjalita` li n-nuqqas ta` hlas jissarraf fi prigunerija), dan ix-xenarju potenzjalment jaghti lok ghal ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tal-imputat, din il-

Qorti taghmilha cara li mhux sejra taghmel din l-ordni kif mitluba taht l-akkuzi (6) u (7).

U wara li l-Qorti semghet is-sottomissjonijiet fl-udjenza tallum, qeda tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti lill-imputat kull ghajnuna mehtiega fil-glieda tieghu kontra l-abbuz tad-droga.

**Decide:**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50 u 579 (2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artiklu 5 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsimiet 4 u 6, it-taqsima 1 ta' l-ewwel skeda, kif wkoll l-Artikoli 22(1)(a), (1B), 22(2)(b)(i), 22(2)(b)(ii) u 22(9) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta **issib lil Francois Zammit, fuq ammissjoni tieghu stess, bhala recediv, hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-sentejn (2) prigunerija u ghall-multa fis-somma ta' €500 (hames mitt Ewro).**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur